MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Numru. 1249/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Jason Ellul**

**Illum 11 ta' Novembru 2011**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Jason Ellul** ta’ 36 sena, iben Carmelo u Salvina *nee*’ Ellul, imwieled Pieta nhar l-24 ta’ Novembru 1974, detentur tal-karta tal-identita numru 19475(M) u residenti gewwa 9 ‘Id-Dwejra’, Triq San Karlu, Ghaxaq, u nakkuzah;

> Talli bejn l-1 t’ Awwissu 2011 u l-31 t’ Ottubru 2011, gewwa Arriva Depot, Floriana, ikkometa serq ta’ fuel minn ghand il-Kumpanija Arriva (Malta) Ltd., ghad-dannu tas-sidien u d-diretturi ta’ l-istess Kumpanija, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2329.37), bil-persuna u bil-hin;

Semghet l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat;

Rat l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta’ l-imputat;

Rat illi Dr Franco Debono ghall-imputat kien iverbalizza li l-imputat kien ser irodd lura l-valur ta’ hames mija u tmenin ewro (€580) illi allegatament huwa l-valur tad-diesel li huwa ha;

Rat l-artikoli 22 u 24 tal-Kap 446;

Invista ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat, il-Qorti qed issib lill-imputat hati u qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u tordna lill-imputat jirrifondi lill-Kumpanija Arriva (Malta) Ltd., is-somma ta’ hames mija u tmenin ewro (€580) u dan fi zmien sitt (6) xhur millum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------